## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. VICTORIA VASSALLO (KI. 366573M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**06/06/2023**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputata:

**BILLI int akkuzat** talli fis-06/12/2022 ghall habta ta'13.15Hrs f`Sqaq Lourdes, San Giljan,

(1). Soqt vettura Nru.JVA-150 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita ghat-Trasport f`Malta biex tintuza fit-triq (licenzja tal-vettura mhux imgedda).(Sec.15(1)(a)(3) Chap.65)

(2). Soqt vettura Nru. JVA-150 minghajr ma kienet koperta b`polza ta`assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.(Sec.3(1) Chap.104)

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu taz-zmien ta`mhux inqas minn tnax il xahar.

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' EO 357, EO 258 u Stephen Cachia (affidavit), ix-xhieda tal-imputata nfusha u tal-persuni li tressqu bħala xhieda tad-difiża ossia Julian Vassallo u Giorgio Grech.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Provi*

1. Jirriżulta mix-xhieda ta' **EO 357** illi fid-data, lok u ħin indikati fil-komparixxi x-xhud innota lill-imputata ssuq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JVA 150. Ix-xhud qal illi l-liċenzja tal-vettura dehret li kienet skadiet fl-aħħar ta' Ottubru 2022. Minn aktar stħarriġ mal-*control room* irriżultalu illi l-liċenzja tal-vettura verament kienet skadiet fl-aħħar ta' Ottubru 2022 u li anke l-polza tal-assigurazzjoni kienet skaduta. L-imputata uriet ruħha sorpriża billi skond ma nfurmat lix-xhud hija kienet għaddiet l-affarijiet kollha lill-kumpanija tal-assigurazzjoni tagħha sabiex jirranġawlha huma. Ix-xhud esebixxa ukoll bħala Dok X rapport maħdum minnu. **EO 258** xehed illi huwa ukoll kien fuq il-lok flimkien ma' EO 357 u fl-awla għaraf lill-imputata bħala x-xufier tal-vettura li kienet twaqqfet. Fl-affidavit maħluf tiegħu, **Stephen Cachia** (Transport Malta) xehed illi minn indaġni li għamel fir-*records* tal-Awtorita' rriżultalu illi fis-6 ta' Diċembru 2022 il-vettura in kwistjoni kienet reġistrata fuq Victoria Borg (bil-karta tal-identita' numru 366573M) u li l-liċenzja tal-istess vettura kienet skadiet fil-31 ta' Ottubru 2022 u ġiet imġedda fid-9 ta' Diċembru 2022.

2. L-imputata, **Victoria Vassallo,** xehdet illi hija taħdem *self-employed* fl-industrija tal-*catering* ġewwa skola u li żewġha jaħdem ma' Mapfre Middlesea Insurance p.l.c. Qalet illi hija soltu tinxurja l-vettura tagħha mal-istess kumpanija. Stqarret illi kien ir-raġel tagħha li jeħdilha ħsieb l-insurance u liċenzja tal-karozza u anke huwa kien sorpriż b'li ġara. Fi kliemha: *"Jien l-affarijiet tad-dar nieħu ħsieb u r-raġel fuq il-karozzi".* Qalet li kienet ilha ssuq 32 sena mingħajr inċidenti u li meta tirċievi l-avviż tat-tiġdid tal-assigurazzjoni bil-posta hija tgħaddiha mill-ewwel lil żewġha. Spjegat illi fiż-żmien in kwistjoni d-dar tagħhom kienet sit ta' kostruzzjoni u peress li ma kienux qed joqogħdu hemm ma tafx jekk effettivament kienetx irċeviet l-avviż. In kontroeżami kkonfermat illi l-vettura in kwistjoni soltu ssuqha hi u li ilha tagħmel hekk mill-2019.

3. **Julian Vassallo**, ir-raġel tal-imputata, xehed illi huwa jaħdem ma' Mapfre Middlesea p.l.c. u li solitament huwa jirċievi *reminder* mill-kollegi tiegħu biex ifakkruh fit-tiġdid tal-assigurazzjoni tal-vettura. Wara li martu twaqqfet mill-uffiċjali tal-LESA huwa talab verifika mill-kollegi fis-sezzjoni tal-*underwriting* u rriżultalu li verament l-

assigurazzjoni u l-liċenzja ma kienux ġew imġedda. Huma ma setgħux jagħtuh spjegazzjoni għal dan u ħarġu l-polza dak il-ħin stess. Fuq mistoqsija tal-Qorti dwar jekk it-tiġdid tal-assigurazzjoni huwiex proċess awtomatiku fis-sens jekk għandux arranġament mal-kumpanija illi l-assigurazzjoni tiġġedded awtomatikament huwa wieġeb li dan mhux il-każ u li jiġri huwa li huwa jtihom struzzjonijiet sabiex iġeddu l-polza meta ġeneralment ifakkruh f'dan il-kollegi tiegħu. Huwa xehed illi fil-każ in kwistjoni peress li kienu għaddejjin xi xogħolijiet id-dar tagħhom x'aktarx ma kienx irċievha l-avviż ta' tiġdid jew inkella kienu ġabruha l-ħaddiema. Ikkonferma illi huwa jieħu ħsieb l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' karozzi fil-familja tiegħu. Mistoqsi mill-Qorti jekk **qabel** id-data tas-6 ta' Diċembru 2022 kienx diġà għadda struzzjonijiet lill-kollegi tiegħu sabiex iġeddu l-assigurazzjoni tal-vettura in kwistjoni huwa wieġeb li jista' jkun li ma kienx għamel hekk.

4. Xehed ukoll **Giorgio Grech**, *manager* fl-uffiċċju ta' Mapfre Middlesea p.l.c. ġewwa Ħal Luqa, fejn stqarr illi huwa u Julian Vassallo jaħdmu flimkien għalkemm f'dipartimenti differenti. Huwa esebixxa dokument bil-*history* tal-assigurazzjoni tal-imputata ma' Mapfre Middlesea. Fl-istess dokument iddikjara illi: *"in our opinion we believe that there was an oversight/misunderstanding this year".* F'dan ir-rigward huwa xehed illi *"considering li l-policies dejjem ġew imġeddha fi żminijiet kif suppost, considering li Julian ir-ragel tagħha jaħdem fl-office magħna stess, jien sinċerament nemmen li dan kien oversight ġenwin, jiġifieri nemmen li kważi cert li ma kienetx ta traskuraġni ghax hija xi haġa li jahdem fiha."* In kontroeżami huwa tenna li ma kienx jaf f'dan il-każ partikulari ta' min kien l-*oversight*.

*Kunsiderazzjoni*

5. Huwa ċar illi l-fatti ġuridiċi ravviżati fl-imputazzjonijiet maħruġa kontra l-imputata, ossia' illi fid-data, ħin u lok in kwistjoni hija kienet qed issuq il-vettura indikata mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta u mingħajr ma kienet koperta b'polza tal-assigurazzjoni li tkopri r-riskji ta' terzi persuni, jirriżultaw pruvati.

6. Fit-trattazzjoni però l-abbli avukat difensur tal-imputata sostna illi f'dan il-każ il-Qorti għandha tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 3(1B) tal-Kap. 104 li jaqra kif ġej:

> **'(1B) Tista' tingħata eċċezzjoni valida, fil-prosekuzzjoni ta' reat taħt is-subartikolu (1), mill-akkużat jekk iġib prova li r-reat ikun sar mingħajr ma huwa kien jaf bih u li jkun eżerċita kull diliġenza dovuta biex ma jħallix li r-reat isir'**

7. Sabiex tiġi milqugħa b'suċċess din id-difiża f'dan il-każ jeħtieġ li l-istess difiża tipprova lill-Qorti, anke fuq bażi ta' bilanċ ta' probabiltajiet, illi l-imputata ma kienetx taf li l-polza tal-assigurazzjoni kienet skaduta U li qabel ma skadiet il-polza hija kienet eżerċitata KULL diliġenza dovuta sabiex ma tħallix li l-polza tiskadi mingħajr ma tiġġedded.

8. M'hemmx dubbju għall-Qorti illi l-imputata ma kienetx taf illi fid-data in kwistjoni l-polza tal-assigurazzjoni għall-użu minnha tal-vettura *de quo* kienet skadiet.

9. Ma taqbel xejn però l-Qorti mal-argument tad-difiża illi dan huwa każ klassiku fejn l-imputata eżerċitat kull diliġenza dovuta biex ma tħallix ir-reat isir. F'dan ir-rigward issir riferenza għall-ġuripsrudenza fosthom is-sentenza fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. Francis Bartolo** (Appell Kriminali, 28/06/2022, per Imħallef Vincent DeGaetano). F'din il-kawża l-appellant kien ippermetta lil ibnu isuq il-vettura tiegħu għaliex kien mingħalih li l-polza ta' assigurazzjoni kienet tkopri anke lil ibnu. Dan għaliex meta mar jġedded l-assigurazzjoni huwa kien talab lill-persuna addetta sabiex l-assigurazzjoni tkun tkopri "lil kulħadd li ghandu 'l fuq minn tmintax-il sena". L-appellant pero` ammetta li hu ma qarax il-kopja tal-polza li kien irċieva u anqas għamel xi verifiki oħra biex jassigura ruħu li t-tifel tiegħu kien verament kopert. L-appellant argumenta illi dan kien każ ta' *a mistake of fact* u li ma setax għalhekk jiġi ritenut responsabbli skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 tal-Kap. 104. Il-Qorti qalet hekk:

> *"Din il-Qorti ma taqbilx. Apparti li zball ta' fatt, biex jinnewtralizza r-responsabbilta` penali, irid ikun zball 'essenzjali' (jigifieri zball dwar xi wiehed mill-elementi mehtiega ghall-ezistenza tar-reat – f'dan il-kaz ma hemmx kontestazzjoni dwar l-essenzjalita` ta' l-izball), fil-kaz tar-reat kontemplat fl-*

*Artikolu 3(1) in dizamina jrid ikun ukoll zball 'inevitabbli', cioe` li ma setax jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni normali. Kif gie ritenut diversi drabi mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali, l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 jimponi obbligu fuq kull min juza vettura, jew igieghel jew jippermetti lil haddiehor li juza vettura, li qabel xejn jivverifika biex jara li dik il-vettura, jew dik il-persuna li tkun ser issuq, tkun koperta bid-debita assigurazzjoni (ara, fost ohrajn, Il-Pulizija v. Roderick Gerada App. Krim. 14/2/2001, li ghaliha hemm referenza anke fis-sentenza appellata). Id-debita kopertura tal-assigurazzjoni hija intiza ghall-protezzjoni tal-pubbliku, u wiehed ma jistax jezimi ruhu mir-responsabbilta` penali taht l-imsemmi Artikolu 3(1) jekk ma jkunx ghamel il-verifiki kif suppost. L-aktar haga elementari li wiehed hu mistenni li jaghmel hi li jaqbad il-polza ta' assigurazzjoni u jaqraha jew, jekk ma jafx jaqra, almenu jaghtiha lil xi hadd li jista' jaqrahielu, proprju biex jara min hu kopert u min ma hux. L-appellant ex admissis dan ma ghamlux. Ghalhekk l-ewwel aggravju tieghu ser jigi respint".*

10. Fil-każ *de quo* għalkemm il-fattispecie tal-każ mhumiex l-istess, però hekk ukoll ma jistax jingħad illi l-imputata eżerċitat kull diliġenza dovuta peress illi *ex admissis* qalet illi hija tħalli kollox f'idejn żewġha f'dak li għandu x'jaqsam l-assigurazzjoni u l-liċenzja tal-vettura tagħha.

11. Hekk ukoll fl-Appell Kriminali **<u>Il-Pulizija v. Maria Bezzina</u>** deċiż fit-12 ta' Dicembru 2000, intqal illi:

    *"Kif hu stabbilit u kostantement ritenut, huwa dejjem u biss is-sewwieq tal-vettura li ghandu l-obbligu legali li qabel ma jsuq xi vettura, aktar u aktar jekk din ma tkunx tieghu, jara li din tista' tinsaq barra regolarment fis-sens li tkun koperta minn licenzja tas-sewqan u polza ta' assigurazzjoni."*

12. Fis-sentenza **<u>Il-Pulizija v. Nadine Busuttil</u>** (25 ta' Lulju 1997) l-istess Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi t-traskuraġni ta' dak li jkun (li testendi anke għal żball ta' fatt) jew l-injoranza tieghu f'materja penali ma tistax titqies bħala raġuni speċjali ai termini ta' l-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104. Fl-Appell Kriminali **<u>Il-Pulizija v. Alexander Frendo</u>** (30 ta' April 1993) ingħad saħansitra li għalkemm il-Qorti tapprezza li hemm differenza bejn min isuq mingħajr ma jkun kopert b'polza ta' assikurazzjoni kapriċċożament u min il-polza tkun skadietlu bi ftit ġranet sforz ta' traskuraġni, xorta waħda kieku gara inċident

il-konsegwenzi kienu jkunu l-istess u huwa proprju għalhekk li l-leġislatur ma għamilx distinzjoni bejn każ u ieħor.

13. Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza li din il-Qorti tikkondividi pjenament, huwa ċar illi anke jekk solitament, tajjeb jew ħażin, l-imputata kienet tħalli l-qadi f'dak li għandu x'jaqsam ħwejjeġ amministrattivi relatati mal-vettura tagħha f'idejn żewġha, l-anqas ħaġa li setgħet tagħmel kien proprju li tħares lejn il-*license disk* tal-vettura tagħha u lejn iċ-ċertifikat tal-assigurazzjoni sabiex tassigura ruħha li dawn kienu verament ġew imġedda. Ma jistax għalhekk jingħad illi l-imputata eżerċitat kull diliġenza dovuta biex ma tħallix li r-reat isir ai termini tal-Art. 3(1B) tal-Kap. 104.

14. F'dak li għandu x'jaqsam però l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan, l-Qorti tara li tista' tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 li jipprovdi kif ġej:

**'(2A) Kull min jinstab ħati ta' reat taħt dan l-artikolu <u>għandu (ħlief jekk il-qorti għal raġunijiet speċjali tikkunsidra li tordna mod ieħor u mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-qorti li tordna żmien itwal ta' skwalifika)</u> jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar mid-data li jkun ġie misjub ħati ...'**

15. Il-Qorti temmen li f'dan il-każ għalkemm jirriżulta indubbjament element ta' traskuraġni da parti tal-imputata, huwa evidenti li kif żvolġew l-affarijiet fuq spjegati fix-xhieda, hemm raġunijiet speċjali għala l-Qorti għandha tapplika d-diskrezzjoni tagħha sabiex ma timponiex perjodu ta' skwalifika tal-liċenzja tas-sewqan fir-rigward tar-reat ravviżat fit-tieni imputazzjoni. Mhux l-istess għar-reat ravviżat fl-ewwel imputazzjoni peress li f'dak il-każ il-Qorti m'għandha l-ebda diskrezzjoni jekk għandhiex tapplika l-piena addizzjonali tal-iskwalifika jew le.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia' l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65, l-Art. 3(1), 3(1B) u 3 (2A) tal-Kap. 104, issib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha u tikkundannaha tħallas il-multa komplessiva**

**ta' € 2,800. B'żieda mal-piena l-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 15(3) sabiex tiskwalifika lill-imputata milli jkollha liċenzja tas-sewqan għal żmien tmient ijiem.**

**V.G. Axiak**
**Maġistrat**

**Y.M. Pace**
**Dep. Reġistratur**